MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 362/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Franco Muscat**

**Kumpilazzjoni Numru 362/2010**

**Illum 11 ta' Ottubru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Franco Muscat, ta' 34 sena, bin Joseph u Georgina nee' Mallia, imwieled Birgu nhar id-9 ta' Settembru, 1976 u li joqghod fil-fond, 'Pisces', Triq il-Kappucini, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 451876 (M)

1) Akkuzat talli fis-27 ta’ Marzu 2010 u fil-granet u xhur ta’ qabel gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fi skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsola, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai termini tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dokument falz cioe licenzja ta’ vettura bin-numru FAV736 tal-ghamla Ford Transit u dan ai termini tal-artikoli 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

3) U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ ohra u cioe’ FAV 736 minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar xi vetturi bil-mutur partikolari u dan ai termini tal-artikolu 15 (1A) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu vetturi bil-mutur u cioe Ford Transit u Ford Fiesta fit-triq kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita u mgedda kull sena u dan ai termini tal-artikolu 14(1) tat-Taqsima III tal-Avviz Legali 473 tal-2004

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala sid tal-vetturi Ford Transit minghajr licenzja, Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni FAV 736 u Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni KAV 309 naqas milli jara li dawk il-vetturi ikollhom dejjem u f’ kull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita u dan ai termini tal-artikolu 15(3) tat-Taqsima III tal-Avviz Legali 476 tal-2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 14(1) u 15(3) ta'l-Avviz Legali 476 tas-sena 2004.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 11 ta' Ottubru 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li taw lok ghal dawn il-proceduri, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu ghalkemm mhux f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 14(1) u 15(3) ta'l-Avviz Legali 476 tas-sena 2004, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar u tikkundannah multa ta' hamsa u tletin Euro (€35). In oltre l-Qorti qed tordna d-

distruzzjoni tal-pjanci esebieti  bhala Dok FF4 a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi klirm ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------